# Il-pjanijiet tal-gvern li jibdel l-NECC f'awtorità li tħares lill-konsumatur

# Tonio Fenech jikkonferma li ma sar xejn



Il-gvern warrab għal kollox il-pjanijiet tiegħu biex sa Marzu ta' din is-sena, il-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla għall-Ewro (l-NECC) jinbidel f'aġenzija għall-ħarsien tal-konsumaturi.

Fil-fatt ħames xhur wara li suppost dawn it-tibdiliet daħlu fis-seħħ il-gvern għadu qed jikkunsidra l-pjanijiet tiegħu.

Ġimagħtejn ilu, KullHadd żvela kif il-Prim Ministru Lawrence Gonzi baqa' ma żammx kelmtu mal-wegħda li għamel tmien xhur ilu li jibdel l-NECC f'entità u d-Diviżjoni tal-Konsumatur u l-Kompetittività f'Awtorità li tħares bil-qawwa l-interess tal-konsumaturi.

Dan bil-konsegwenza li l-familji Maltin u Għawdxin baqgħu iħabbtu wiċċhom ma' l-ogħla rata tal-ħajja (inflazzjoni) qatt irreġistrata f'dawn l-aħħar snin.

Mistoqsi din il-ġimgħa mill-ġurnal elettroniku maltastar.com, il-Ministeru għall-Finanzi, Tonio Fenech ikkonferma kif il-gvern warrab il-pjanijiet tiegħu biex sa Marzu ta' din is-sena titwaqqaf aġenzija li tipproteġi l-konsumaturi.

Il-fatt li l-wegħda li għamel il-Prim Ministru Lawrence Gonzi qabel l-aħħar elezzjoni li sa Marzu 2008 l-NECC jinbidel f'aġenzija, għal Ministru Tonio Fenech din mhux problema u minkejja li għaddew ħames xhur il-gvern għadu qed jikkunsidra l-pjanijiet tiegħu.

Huwa qal li t-twaqqif ta' l-aġenzija ma jiddipendix mill-NECC jew le, imma mill-istruttura li trid titwaqqaf biex tħares il-konsumatur.

Mistoqsi jgħid meta l-gvern se jwaqqaf b'mod konkret struttura li tħares lill-konsumatur mill-għoli tal-ħajja, Tonio Fenech ma kienx jaf jgħid meta dan se jsir.

"Waqt li data f'dan l-istadju m'għandix għax għadna qegħdin naħdmu fuq l-aspett leġislattiv u rrid ikun hemm proċess ta' konsultazzjoni, ma naħsibx li huwa fit-tul ħafna. Sakemm dan isir però data definittiva f'dan l-istadju ma nistax nagħti," qal Fenech.

Id-deċiżjoni li l-Kumitat għall-Bidla għall-Ewro jinbidel f'aġenzija li tipproteġi l-konsumatur ittieħdet mill-Kabinett f'Diċembru tas-sena l-oħra, bit-tibdil kellu jsir f'Marzu ta' din is-sena.

Sadanitant ir-rata ta' l-għoli tal-ħajja f'pajjiżna fl-aħħar għaxar snin laħqet livelli rekord, bil-gvern jonqos milli jieħu azzjoni konkreta quddiem il-problema ta' l-għoli tal-ħajja.

L-aħħar statistika maħruġa mill-Eurostat turi kif matul ix-xahar t'Awwissu r-rata annwali ta' inflazzjoni fiż-żona ewro mistennija tkun ta' 3.8 fil-mija.

F'pajjiżna r-rata ta' inflazzjoni hi ta' 4.8 fil-mija, rata li taqbeż il-medja taż-żona ewro, hekk kif ikkonfermat minn l-aħħar statistika maħruġa mill-gvern.

# Preżenza ta' sustanza




**Intlaqgħet b'mod pożittiv ħafna dik li qed tkun ikkunsidrata bħala 'prezenza ta' sustanza' tal-Partit Laburista permezz ta' Dr George Abela u ta' Dr Luciano Busuttil fil-MEUSAC (Malta-EU Steering Action Committee) li nhar il-Ġimgħa kellu l-ewwel laqgħa tiegħu wara li twaqqaf mill-ġdid. Id-deċiżjoni li l-Partit Laburista jieħu sehem għall-ewwel darba f'dan il-kumitat kienet tal-Mexxej Joseph Muscat.**

L-impenn li se jkollu biex anki permezz tas-sehem tiegħu fil-MEUSAC, kif iddikjara Dr Muscat, il-Partit Laburista jagħmel dak kollu neċessarju biex pajjiżna jagħmel suċċess mis-sħubija fl-UE, ħareġ b'mod ċar waqt l-ewwel laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa. Matul din l-ewwel laqgħa tal-MEUSAC, Dr George Abela ressaq żewġ proposti konkreti li ġew approvati u addottati dwar kif dan il-kumitat għandu jmexxi 'l quddiem il-ħidma tiegħu b'mod effettiv.

F'dawn iż-żewġ proposti r-rappreżentant tal-Partit Laburista saħaq li l-gvern għandu jikkonsulta lill-MEUSAC qabel ma jieħu d-deċiżjonijiet bil-għan li dal-kumitat ikollu sehem effettiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet u li l-MEUSAC għandu jieħu l-inizjattiva li minn rajh iniedi diskussjonijiet dwar temi Ewropej rilevanti għal Malta u li jdaħħalhom bil-fors isibu posthom fuq l-aġenda ta' l-UE.

Osservaturi li tkellmu ma' KullHadd qalu li dawn iż-żewġ proposti huma xhieda ta' kemm il-Partit Laburista jrid ikun partit pożittiv li fl-interess nazzjonali, sa minn issa mill-Oppożizzjoni, se jkun qed jagħti l-kontribut sħiħ tiegħu biex pajjiżna jimxi 'l quddiem.

Fl-istess ħin dawn il-proposti huma konferma tat-twettiq fil-prattika ta' l-impenn li kien intrabat bih Joseph Muscat, hekk kif kien elett Mexxej Laburista, li fis-snin li ġejjin il-Partit Laburista jieħu rwol ħafna iktar pro-attiv b'rabta mas-sħubija ta' Malta fl-UE.

L-istess osservaturi rrimarkaw li l-fatt li kien Dr George Abela li ressaq dawn il-proposti jibgħat sinjal ċar li anki fil-qasam tar-relazzjonijiet ta' Malta ma' l-UE, il-Partit Laburista se jkun lest li fix-xhur li ġejjin jieħu rwol ta' leadership.

Fl-istess ħin l-ewwel laqgħa tal-MEUSAC ikkonfermat l-ispirtu ta' tim li bih qed jaħdem il-Partit Laburista fuq issues ta' importanza nazzjonali bil-għan li b'impenn sħiħ, sod u qawwi, jgħin biex ikun hemm titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-familji Maltin u Għawdxin.

# Tħassib dwar it-talba għall-enerġija għal SmartCity

**L-Assoċjazzjoni tar-Ramblers uriet it-tħassib tagħha l-bieraħ dwar rapporti fejn ingħad li meta SmartCity tibda taħdem b'mod komplet, it-talba għall-enerġija se tkun id-doppju ta' dak li kien ikkalkulat.**

"Din il-qabża qawwija fit-talba għall-enerġija mhux biss titlob it-twaqqif ta' aktar substations għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku, iżda wkoll żieda tremenda fil-ħruġ ta' gassijiet fl-arja f'dak li jissejjaħ bħala *national carbon footprint*. Ukoll jekk mingħajr SmartCity, Malta tinsab ferm 'il bogħod milli tilħaq il-mir. B'SmartCity, Malta se tispiċċa tħabba wiċċha ma' proċeduri legali u multi qawwija bħala konsegwenza," qalet l-għaqda ambjentali fi stqarrija.

Hija staqsiet ukoll x'qiegħed jagħmel il-gvern dwar Artiklu 5 tad-Direttiva Ewropea dwar il-Prestazzjoni ta' l-Enerġija fil-Bini. Dan għall-fatt li din għadha ma ddaħħlitx fil-leġislazzjoni Maltija.

"F'dan kollu l-interess nazzjonali huwa taħt theddida. Wieħed kien jistenna li SmartCity tkun "smart" biżżejjed mhux biss f'dak li huwa ħarsien ta' wirt storiku, iżda b'mod speċjali fil-kalkoli u l-prattiċi ta' kostruzzjoni tagħha.

